MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 21/2002/1

**Central Mediterranean Development Corporation Limited**

**vs**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell interpost mis-socjeta` Central Mediterranean Development Corporation Limited minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-

kompetenza Kostituzzjonali taghha) fl-ismijiet premessi fl-14 ta' Novembru, 2002. Is-sentenza appellata, li tinkorpora fiha kemm ir-rikors promotur kif ukoll ir-risposta ta' l-intimat Avukat Generali, tghid hekk:

"Rat ir-rikors ipprezentat fit-13 ta' Awissu, 2002, li in forza tieghu wara li s-socjeta' rikorrenti ppremettet illi fis-7 ta' Dicembru, 1990 pprezentat libell (numru 25/90) fl-ismijiet "Albert Mizzi in rapprezentanza tas-socjeta' Central Mediterranean Development Corporation Limited vs Nutar Joseph Darmanin b'digriet tas-16 ta' Mejju, 1990 mahtur deputat biex jirraprezenta lill-assenti Dorothy Stamp" fejn intalab in succint r-ripresa ta' bicca art gewwa Santa Maria Estate li kienet inghatat in sub-enfitewsi u li ma kienetx inbniet u anqas ma kien hemm l-hlas tal-canone ghal numru ta' snin;

Ippremettiet illi ghal dan il-libell saret risposta fit-18 ta' Dicembru, 1990 u saret replika fit-8 ta Jannar, 1991 u gie appuntat ghas-seduta tal-21 ta' Frar, 1991;

Ippremettiet illi f'dik id-dehra tqajmu numru ta' eccezzjonijiet preliminari li gew decizi fis-seduta ta' wara tal-15 ta' Marzu, 1991;

Ippremettiet illi sussegwentement tressqu l-provi tal-partijiet u l-kawza thalliet ghas-sentenza quddiem l-istess Prim Awla tal-Qorti Civili ghas-seduta tas-17 ta' Jannar, 1992 u wara tlettax-il differiment (13) din inghatat fil-5 ta' Ottubru, 1993;

Ippremettiet sussegwentement ghal dan wara nota prezentata fit-13 ta' Ottubru, 1993 gie intavolat appell mill-konvenuti libellati mhux mill-esponenti permezz ta' petizzjoni fid-29 ta' Ottubru, 1993 u ghal dan saret twegiba fil-25 ta' Novembru, 1993;

Ippremettiet illi dan l-appell gie appuntat tlett snin wara u cioe' fis-17 ta' Ottubru, 1996 u liema appell gie trattat u thalla ghas-sentenza fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 1997 u wara tmienja u ghoxrin (28) differiment ghas-sentenza din inghatat finalment fid-9 ta' Ottubru, 2001;

Ippremettiet illi l-fatt li kawza prezentata fl-1990 u deciza hdax-il sena (11) wara li minnhom sena u nofs ghaddew ghas-sentenza in prim istanza, tlett snin sabiex tigi appuntanta fl-appell u kwazi hames snin ohra sabiex tigi deciza fl-appell i.e. kwazi disa snin u nofs f'daqqa jfisser li jew tort ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja li ma kienetx armata bizzejjed b'risorsi materjali u umani jew ghal xi raguni ohra li d-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti gew lezi ai termini ta' l-artikolu sitta (6) Konvenzjoni Ewropeja Att numru XIV ta' l-1987 Kapitolu 319 u ghalhekk kien kagun ta' dannu sija minhabba d-dewmien fih innifsu kif ukoll minhabba l-fatt li l-art in kwistjoni damet biex giet lura f'idejha b'dannu.

Talbet illi din il-Qorti jghogobha l-ewwel tiddikjara u tiddeciedi li d-drittijiet fundamentali taghha ai termini ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Att numru XIV tal-1987 Kapitolu 319 gew effettivament miksura billi ma sarx process malajr fl-imsemmija kawza u konsegwentement taghti l-provedimenti opportuni sabiex dan jigi kumpensat ghal tali ksur.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali li fiha espona illi l-fatti kif esposti jridu jirrizultaw mill-process tal-kawza. Ghalhekk dan ghandu jkun anness biex issir konoxxenza tal-verbali;

Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, jidher li fil-Prim' Awla l-kawza inqatghet fi zmien ragonevoli meta wiehed jikkonsidra t-tip ta' talba maghmula, l-eccezzjonijiet li tqajmu u li hadet biss mis-7 ta' Dicembru, 1990 sal-5 t'Ottubru, 1993 (sentejn, disa' xhur u hamest ijiem) biex tigi deciza;

Illi skond gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, jekk kienx hemm dewmien li mhux ragonevoli jiddependi minn tlett fatturi:

(a) il-komplessita' tal-kaz; (b) l-imgieba tal-Qorti; (c) l-imgieba ta' min ikun qed jaghmel il-lament.

F’dan l-istadju, minhabba nuqqas ta’ hin biex wiehed jifli l-process, jista’ jinghad li talba ghar-ripresa ta’ art hija minnha nnifisha talba serjissima u li tinhtieg riflessjoni fit-tul specjalment fl-istadju ta’ appell fejn m’hemmx cans ta’ revizjoni ohra tad-decizjoni. Ghagla zejda tista’ twassal biex ma ssirx gustizzja.

Ghar-ragunijiet esposti hawn fuq, it-talbiet tar-rikorrenti jidhru infondati fid-dritt u li bl-ebda mod ma kien hemm ksur ta’ l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni jew ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi mressqa;

Ezaminat l-atti tal-kawza citazzjoni numru 25/90 fl-ismijiet “Albert Mizzi in rappresentanza tas-socjeta’ Central Mediterranean Development Corporation Limited vs In-Nutar Joseph Darmanin b’digriet tas-16 ta’ Mejju, 1990, mahtur deputat biex jirrappresenta lill-assenti Dorothy Stamp” determinata mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Ottubru, 2001;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan hu rikors Kostituzzjonali li fih is-socjeta’ rikorrenti qed tilmenta mid-dewmien fid-determinazzjoni tal-kawza li fethet fis-7 ta’ Dicembru, 1990 fejn talbet ir-rexxisjoni ta’ zewg kuntratti ta’ sub-enfitewsi, wiehed fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino tal-15 ta’ Marzu, 1967, u l-iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Salvatore Abela tat-3 ta’ Mejju, 1969, minhabba morozita’ fil-hlas tac-cens dovut. Din il-kawza kienet giet deciza minn din il-Qorti fil-5 ta’ Ottubru, 1993, u, wara li kien tressaq appell mill-konvenut, mill-Onorabbli

Qorti ta’ l-Appell, fid-9 ta’ Ottubru, 2001. Quddiem din il-Qorti, l-ewwel darba li l-kawza kienet differita ghas-sentenza kien fit-8 ta’ Novembru, 1991, meta l-kawza kienet giet diferita ghas-sentenza bil-fakolta’ lill-partijiet li jressqu Noti ta’ Osservazzjonijiet. Dawn in-noti baqghu ma gewx ipprezentati sas-seduta li jmiss, meta l-konvenut talab aktar zmien ghall-prezentata tan-Nota ta’ l-Ossevazzjonijiet. Fis-seduta tas-17 ta’ Jannar, 1992, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-26 ta’ Marzu, 1992, bil-fakolta’ li l-partijiet jiskambjaw Noti ta’ l-Osservazzjonijiet. Dawn in-noti baqghu ma sarux, u fis-seduta tas-26 ta’ Marzu, 1992, il-kawza giet definitivament differita ghas-sentenza sakemm finalment inghatat sena u sitt xhur wara fil-5 ta’ Ottubru, 1993.

Quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell il-kawza giet differita ghas-sentenza fl-14 ta’ Novembru, 1996, u baqghet tigi hekk differita sakemm is-sentenza inghatat fid-9 ta’ Ottubru, 2001.

Is-socjeta’ rikorrenti mhux qed tilmenta mid-dewmien fil-process tat-trattazzjoni tal-kawza, izda aktar fid-dewmien li hadu l-Qrati biex jippronunzjaw is-sentenza.

Quddiem din il-Qorti, ma jidhirx, pero’, li kien hemm xi dewmien esagerat fid-determinazzjoni tal-kawza. Fil-kawza gew sollevati diversi eccezzjonijiet preliminari li gew decizi tempestivament fil-21 ta’ Frar, 1991, u s-sentenza definitiva fil-meritu inghatat fi zmien ragonevolment qasir, sena u nofs wara li l-kawza kienet giet definitivament differita ghal dak l-iskop. Ghal zewg seduti, din il-Qorti kienet qed tistenna lill-partijiet iressqu nota ta’ l-osservazzjonijiet li xtaqu jissottomettu ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti, u allura l-inattivita’ ta’ din il-Qorti f’dak il-perjodu huwa zgur gustifikat. Id-difensuri tal-partijiet inghataw b’kollox madwar erba’ xhur biex iressqu noti ta’ l-osservazzjonijiet u xorta wahda baqghu ma ipprezentawhomx; din il-Qorti allura, kellha tghaddi ghad-decizjoni fuq il-meritu minghajr il-beneficcju ta’ l-ghajnuna ta’ trattazzjoni u/jew osservazjonijiet tal-partijiet, u mehud kont ta’ din il-konsiderazzjoni – u ovvjament ix-xoghol l-

iehor li din il-Qorti jkollha tul is-sena forensika – decizjoni wara sena u nofs mhux daqshekk anormali.

Il-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell hadu aktar tul. L-istess appell dam xi tlett snin biex jigi appuntat u kwazi hames snin biex jigi deciz. Ir-rikorrenti qed tilmenta li dan id-dewmien ta’, b’kollox, tmien snin’ kien dewmien bla bzonn li jledi d-dritt taghha li jkollha d-determinazzjoni tad-drittijiet taghha fi zmien ragonevoli.

Jidher li d-dewmien principali f’dik il-kawza sehh fi stadju ta’ appell fejn wara li l-istess kienet giet differita ghas-sentenza, damet madwar erba’ snin u ghaxar xhur hekk differita qabel ma nghatat finalment is-sentenza fid-9 ta’ Ottubru, 2001. Din il-Qorti tixtieq, li qabel xejn, tirrileva li r-ragonevolezza tad-dewmien irid jigi ezaminat fil-kuntest tas-sistema’ gudizzjarja kif topera f’pajjizna. F’Malta, id-dritt ta’ appell huwa, fil-maggor parti, wiehed awtomatiku, fis-sens li kull litigant li jhossu aggravat b’decizjoni ta’ Qorti ta’ prim istanza jista’ u ghandu dritt jintavola appell minghajr htiega ta’ awtorizazzjoni.

F’certi pajjizi, id-dritt ta’ l-appell mhux wiehed awtomatiku, izda, f’hafna kazijet, ikun mehtieg il-permess tal-Qorti biex jitressaq appell, b’mod li n-numru ta’ kawzi li jitressqu l-appell ikun, ftit jew wisq, kontrollat. Fil-kaz taghna, is-sistema hija differenti, u hlief ghall-kazijiet ta’ valur irrizorju, kull litigant mhux sodisfatt b’decizjoni jista’ jappella. Dan ifisser li l-Qorti ta’ l-Appell tista’, u fil-fatt hekk jigri, tkun inondata b’diversi appelli, li jkunu jridu jigu mistharrga u ezaminati bir-reqqa, anke jekk, f’xi kaz partikolari, biex l-istess jigi dikjarat vessatorju. Il-privilegg ta’ appell awtomatiku ghandu dan il-prezz li jrid jithallas. Il-Qorti ta’ l-Appell, bhala l-Qorti ta’ l-ahhar kelma, hija u ghandha tkun wahda, mhux biss ghax hekk tiddisponi l-Kostituzzjoni, izda ghax hekk ukoll hu mehtieg biex ikun hemm direzzjoni u element ta’ konsistenza. Dan ifisser li appelli mill-Qorti Kriminali u Civili jigu diretti kollha quddiem l-istess Qorti ta’ l-Appell jew xi membru individwali taghha, b’mod li dik il-Qorti jkollha volum kbir ta’ kawzi. Il-fatt li l-Qorti ta’ l-Appell taghti decizjoni finali lill-kwistjoni bejn il-litiganti u direzzjoni lill-Qrati Inferjuri,

ifisser wkoll li decizjoni trid tinghata b'aktar attenzjoni u reqqa, ghax filwaqt li gudikant ta' prim' istanza jista', ftit jew wisq, iserrah mohhu fuq il-fatt li, jekk jiehu zball, hemm Qorti ta' revizjoni fuqu, fuq il-Qorti ta' l-Appell ma hemm hadd.

In-numru ta' kawzi quddiem il-Qorti ta' l-Appell huwa rizultat wkoll tal-fatt li l-ispiza biex jitressaq appell hija relattivament baxxa. Il-prezentata ta' l-Appell, dak iz-zmien, kien Lm3.05 waqt li llum il-massimu huwa ta' LM75, li mhiex xi somma esorbitanti mehud in konsiderazzjoni l-livell ta' ghixien tal-poplu malti u x'jinvolvi appell. Hemm ukoll kawtela li tithallas qabel l-ewwel jum ta' smigh ta' l-appell, pero', din mhux biss isservi bhala depositu u hija rekuperabbli jekk l-appell jintrebah, izda wkoll ma tkunx generalment somma projbittiva. Fdan il-kaz, fejn il-meritu kien jinvolvi bicca art li giet stmata bejn il-LM25,000 u l-Lm35,000, il-kawtela kienet ta' Lm236, zgur mhux xi figura esorbitanti.

Din il-Qorti mhux qed tghid dan biex tipprova tiskuza d-dewmien fil-Qrati, izda, anzi, biex tispjega dan, ghax ghall-privilegg li jgawdi c-cittadin ta' appell miftuh ghal kulhadd u ta' spejjez involuti mhux gholja, irid jistenna li l-proceduri gudizzjarji, specjalment fi stadju ta' appell, jiehdu ftit ta' zmien. Kif inghad, Qorti ta' l-Appell wahda jista' jkun hemm, u lanqas hu desiderabbli li jkun hemm aktar minn Tribunal wiehed li jaghti direzzjoni finali fil-ligi, u , ghalhekk certu dewmien irid jirrizulta.

Dan kollu qed jinghad biex wiehed jifhem wkoll dak li tghallem il-Qorti Ewropea fir-rigward u cioe', li

“It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time”.

(ara “<u>Vocaturo vs Italy</u> , deciza fl-24 ta' Mejju, 1991, u <u>“G.H vs Austria”</u>, deciza fit-3 ta' Ottubru, 2000).

Dan l-obbligu ta’ l-istat irid jigi bilancjat ma’ privileggi ohra moghtija lic-cittadini. Huwa facli li tillimita n-numru ta’ l-appelli billi tgholli l-ispiza necessarja b’mod li ftit jkunu dawk li jkunu jistghu jaffordjaw id-*doppio esame* tal-kaz taghhom, jew billi tillimita d-dritt ta’ l-appell ghal certi kazijiet biss, b’mod li c-cittadin jasal li jkollu cans wiehed biss biex jitlob rimedju. Ghalhekk, dak li hu “zmien ragjonevoli” ghad-determinazzjoni ta’ kawza, irid jigi kunsidrat fid-dawl ta’ drittijiet ohra moghtija lic-cittadin, drittijiet li hekk kif jigu uzufruttwati jwasslu, necessarjament, ghal numru konsiderevoli ta’ petizzjonijiet imressqa quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell li jridu, bid-debita attenzjoni u reqqa, jigu konsidrati minn dak it-Tribunal.

F’dan il-kaz l-appell dam kwazi tlett snin biex jigi appuntat u hames snin biex jigi deciz. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, terminu ta’ hames snin biex jigi deciz l-appell hu ftit twil, u mehud in konsiderazzjoni li l-volum ta’ xoghol li ghandha l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, u l-komplessita’ tal-kaz, zmien ta’ madwar tlett snin kellu jkunu bizzejjed biex il-kawza tinqata’. Iz-zmien effettivament mehud pero’, mhux daqshekk gravi li jimmerita intervent gudizzjarju. Fi kliem iehor, ghalkemm din il-Qorti thoss li kien hemm dewmien ingustifikat fl-ghoti tas-sentenza ma thoss li dan id-dewmien huwa wiehed esagerat li seta’ ippregudika b’mod serjament id-drittijiet tal-partijiet fil-kawza; ma kienx hemm allura, dewmien eccessiv fic-cirkustanzi, izda pjuttost wiehed marginali.

Din il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali moghtija fil-kawza “Manduca vs Onorevoli Prim Ministru” fit-23 ta’ Jannar, 1995, fejn ksur taz-zmien ragjonevoli gie ravvizat meta l-Qrati kienu hadu aktar minn hdax-il sena biex qatghu l-kwistjoni dwar il-kompetenza o meno tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’, tul ta’ zmien li dik l-Onorabbli Qorti iddeskriviet bhala “wiehed eccessiv fic-cirkustanzi u ghalhekk aktar ingustifikat”.

Issir riferenza wkoll ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti (fil-vesti taghha Kostituzzjonali) fil-kawza “Xuereb vs Registratur

tal-Qrati et"  deciza fl-14 ta' Marzu, 2002 (liema kawza, irid jinghad, tinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali wara li kien gie intavolat appell). F'dik il-kawza, din il-Qorti wkoll ravvizat dewmien esagerat u dan peress li kawza ghall-esekuzzjoni ta' sentenza b'talba ghall-hrug ta' Mandat *in factum*, damet kwazi dsatax-il sena biex tigi deciza.

Jidher car li fejn il-Qrati sabu ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jew ta' l-artikolu simili fil-Kostituzzjoni taghna, dan sar fejn id-dewmien, mehud kont il-vertenza, kien wiehed twil u esagerat izzejjed. Fil-kaz meritu ta' din il-kawza, il-process mexa b'pass ragjonevoli minghajr dewmien zejjed; kien biss fi stadju ta' l-appell li l-kawza "wehlet" xi ftit.

Wiehed irid jikkunsidra wkoll li l-meritu tal-kawza ma kienx wiehed ta' facli spedizzjoni, fis-sens, li l-meritu kien jehtieg studju fuq diversi istituti tal-ligi u l-ko-relazzjoni taghhom, u dan il-fattur, kif inhu rikonoxxut, irid jittiehed in konsiderazzjoni fil-valutazzjoni taz-zmien. Kif inghad, din il-Qorti thoss li, mehud kont tac-cirkustanzi kollha tal-kaz, id-dewmien kien wiehed marginali li ma jiggustifikax l-intervent taghha.

Ghal kull buon fini, din il-Qorti sejra wkoll titratta l-*quantum* tad-danni kif mitluba mis-socjeta' rikorenti, u dan peress li, fil-fehma tal-Qorti, il-kumpens mitlub ma jidhirx li, f'kull kaz, hu gustifikat. Is-socjeta' rikorrenti mhux qed titlob danni morali f'din il-kawza, izda qed titlob kumpens ghal sittax-il sena cens (LM864), u l-imghax fuq il-prezz ta' l-art kieku din kienet f'idejha u inbieghet xi hames/sitt snin qabel ma inghatat is-sentenza definitiva.

Jekk is-socjeta' rikorrenti sofriet telf ta' sittax-il sena cens, dan ma kienx rizultat tad-dewmien tal-kawza. Tul il-kawza li ghamlet ghar-rizoluzzjoni tal-koncessjoni enfitewtika, is-socjeta' attrici setghet mhux biss tikkawtela l-pretensjonijiet taghha bil-hrug ta' Ittra Uficcjali, izda setghet addirittura tipprovdi ghall-hlas tac-cens stess, minghajr pregudizzju ghat-talba taghha ghar-risoluzzjoni tal-koncessjoni enfitewtika li ma kienetx bazata biss fuq

in-nuqqas ta’ hlas tempestiv tac-cens, izda fuq inadempjenzi kuntrattwali ohra. Is-socjeta’ rikorrenti ghadha sallum f’qaghda li titlob l-arretrati tac-cens minghand l-ex enfitewta, u jekk din, forsi, halliet li dan id-dritt taghha jiddekadi, in toto jew in parte, minhabba it-tul taz-zmien, dan hu tort taghha; fi kliem iehor, jekk ic-cens issa ma jistax jigi rkuprat, il-kawza ta’ dan mhiex it-tul li hadet il-kawza li ma ppregudikat id-dritt tad-direttorju li jitlob il-hlas tac-cens (ara, bhala rifless fuq dan, il-principju enunzjat mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza “Xuereb vs Zammit” deciza fid-9 ta’ Marzu, 1994.)
Ghar-rigward ta’ l-imghax fuq il-valur ta’ l-art, ma giex muri li l-valur ta’ l-art ma gholliex fil-frattemp. Mhux biss hu maghruf li l-prezz ta’ l-art dejjem jghola, izda mix-xhieda jirrizulta li bicctejn art ta’ l-istess kejl u zona bhal dik meritu ta’ din il-kawza, inbieghu, wahda LM25,000 fl-1995, u l-ohra LM35,000 sentejn wara; hu probabbli li illum, din il-bicca art, tiswa ferm aktar, tant li s-socjeta’ attrici qed titlob madwar Lm60,000 ghaliha. L-argument tas-socjeta’ attrici illi li kieku kellha l-art fl-1996/1997, kienet tbiegha bil-prezz ta’ Lm35,000 u b’hekk trid l-imghax fuq dik is-somma, ma jreggix ghax l-art hi illum f’idejha u din tiswa ferm aktar minn Lm35,000 li kienet iggib madwar sitt snin ilu. Fi kliem iehor, it-telf fl-imghax li qed tghid li sofriet is-socjeta’ attrici, gie kumpensat biz-zieda fil-valur ta’ l-istess art, zieda li qed tgawdi minnu socjeta’ rikorrenti.

B’hekk, anke kieku l-pretensjoni tas-socjeta’ rikorrenti li kien hemm dewmien esagerat fid-determinazzjoni tal-kawza li fethet kontra l-enfitewta, kienet gustifikata, xorta wahda ma kienetx tinghata l-kumpens rikjest, liema talba ma kienetx tkun gustifikata.
Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-qorti tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti u tiddikjara li ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali taghha kif kontemplati fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fic-cirkustanzi, pero’ l-ispejjez ta’ din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

Minn din is-sentenza appellat, kif diga inghad, is-socjeta` rikorrenti. L-aggravji taghha huma tlieta. Fl-ewwel lok tikkontendi li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta irriteniet li *"…ir-ragonevolezza tad-dewmien irid jigi ezaminat fil-kuntest tas-sistema gudizzjarja kif topera f'pajjizna"*. Is-socjeta` appellanti, bazikament, tikkontendi li ma kien hemm ebda ragunijiet oggettivi u ragonevoli ghala l-kawza kellha b'kollox (jigifieri kemm fil-Prim Awla kif ukoll fil-Qorti ta' l-Appell) tiehu hdax-il sena neqsin xaharejn biex tigi deciza. Skond is-socjeta` appellanti ma kien hemm ebda punti partikolarment difficli x'jigu decizi f'dan il-kaz, u li l-*"…[l-ewwel] Qorti kienet ukoll zbaljata meta stqarret li d-dewmien kien wiehed marginali u li ma jiggiustifikax l-intervent taghha"*. It-tieni aggravju – li, fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa proprjament prolungament ta' l-ewwel aggravju – hu fis-sens li l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha dwar id-dritt ta' appell awtomatiku f'Malta u l-fatt li l-ispejjez biex wiehed jappella ghadhom relattivament baxxi, kienu rrelevanti sabiex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Fit-tielet lok, is-socjeta` msemmija tghid li l-ewwel Qorti ma ghamlitx *"…analizi tajjeb tad-danni sija attwali kif ukoll morali li hija sofriet minhabba dan id-dewmien"* u li *"…ma kienitx korretta [l-ewwel] Qorti li qalet li s-socjeta` rikorrenti ma talbitx danni morali ghax fl-istess rikors promotorju hemm indikat car li dan qed jintalab"*. Ghal dawn il-motivi s-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet taghha u tichad dak kontenut fir-risposta ta' l-intimat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess intimat.

Ghal dan ir-rikors, l-intimat Avukat Generali, b'risposta in data 4 ta' Dicembru, 2002, wiegeb li (1) l-ewwel Qorti kienet korretta meta irriteniet li l-proceduri ma kienux hadu zmien irragonevoli, (2) li l-imgieba tal-partijiet fil-kawza li dwarha qed isir l-ilment ikkomplikat l-affarijiet ghall-Qrati flok ma haffithom, (3) li l-kaz ma kienx daqshekk hafif daqs kemm qed tpingih is-socjeta` appellanti, (4) li kwantu ghad-danni materjali pretizi, is-socjeta` setghet facilment ittutelat id-drittijiet ghac-cnus biex b'hekk tkun fil-possibilita` li tigborhom anke issa, u (5) li s-socjeta`

appellanti anqas tista' tikkwalifika bhala "vittma" ghax bid-dewmien allegat hija ma tilfet ebda flus peress li l-art illum tista' tinbiegh bi prezz aktar gholi, b'mod li tpatti ghal kull telf ta' imghaxijiet li seta' kellha kieku l-art inbieghet qabel, u li bhala persuna guridika ma tistax issofri danni morali.

Din il-Qorti, wara li ezaminat sew l-atti tal-kawza fl-ismijiet ***Albert Mizzi in rappresentanza tas-Socjeta` "Central Mediterranean Development Corporation Limited" v. In-Nutar Joseph Darmanin b'digriet tas-16 ta' Mejju, 1990 mahtur deputat biex jirrapresenta lill-assenti Dorothy Stamp*** – kawza li bdiet b'libell ippresentat fis-7 ta' Dicembru, 1990 fil-Prim Awla u li spiccat definittivament bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Ottubru, 2001 – u wara li qieset is-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet (kemm dawk bil-miktub kif ukoll dawk maghmulha fil-kors tat-trattazzjoni ta' dana l-appell kostituzzjonali), tosserva is-segwenti:

L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, ghamlet analizi korretta ta' fejn, f'dik il-kawza, kien hemm xi dewmien li seta' b'xi mod jigi kkwalifikat bhala mhux ragonevoli, u cioe` meta l-kawza kienet quddiem il-Qorti ta' l-Appell fil-perjodu minn meta thalliet ghas-sentenza sa meta effettivament inghatat is-sentenza. Iz-zmien li l-kawza damet biex tigi appuntata fl-appell – mid-29 ta' Ottubru, 1993 meta giet prezentata l-petizzjoni tal-appell, sa l-ewwel udjenza fis-17 ta' Ottubru, 1996 – ma jistax jitqies li hu xi zmien irragonevoli. Dan qed jinghad irrispettivament mit-terminu ta' sitt xhur imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 152 tal-Kap. 12, terminu li fi kwalunkwe kaz ma kienx ghadu gie introdott fl-imsemmija disposizzjoni fid-data tal-presentata tal-petizzjoni ta' appell (dan it-terminu gie introdott biss bl-Att IV ta' l-1996). Bhala regola huwa aktar desiderabbli li kawza tistenna ftit ta' zmien biex tigi appuntata, biex meta tigi effettivament appuntata tkun tista' tiehu l-kors normali taghha quddiem il-Qorti li tkun. Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li min issuggerixxa l-introduzzjoni ta' dan it-terminu ta' sitt xhur huwa kompletament distakkat mir-realta` tas-sistema gudizzjarja taghna. X'jiswa, infatti, li kawza tigi appuntata entro t-terminu ta' sitt xhur mill-presentata tar-rikors ta'

appell biex, minhabba n-numru ta’ kawzi l- jkollha l-Qorti, fl-ewwel udjenza din tigi differita l-boghod b’sena jew sena w nofs jew aktar? Terminu simili hafna drabi flok jghin fil-*management* ta’ kawza johloq kumplikazzjonijiet inutili ghal Qorti li jkollha mhux kawza wahda jew tnejn izda mijiet fuq il-lista jew listi taghha. Fi kliem iehor, f’kaz konkret it-terminu ta’ sitt xhur jista’ jigi osservat pero` l-kawza xorta wahda tiehu zmien mhux ragonevoli biex tigi deciza, u, bil-kontra, dan it-terminu jista’ ma jkunx gie osservat u l-kawza xorta wahda tinqata’ fi zmien ragonevoli.

Din il-Qorti, pero`, ma tistax taqbel ma’ l-ewwel Qorti fejn din irriteniet li z-zmien bejn meta l-kawza thalliet ghas-sentenza sa meta nghatat is-sentenza ma kienx wiehed li jivvjola r-rekwizit tal-Artikolu 6(1) li kawza tigi deciza fi zmien ragonevoli. Fil-fatt mill-atti jirrizulta li l-kawza giet trattata quddiem il-Qorti ta’ l-Appell fl-<u>14 ta’ Novembru, 1996</u> u giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ Jannar, 1997. Fis-16 ta’ Jannar, 1997 is-sentenza ma nghatatx, u l-kawza baqghet tigi differita sa ma fl-ahhar inghatat is-sentenza fid-<u>9 ta’ Ottubru 2001</u> – hames snin neqsin hamsa w ghoxrin gurnata wara li l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza. Bejn l-14 ta’ Novembru, 1996 sa ma nqatghet il-kawza kien hemm xejn anqas minn sebgha w ghoxrin differiment. F’dan il-kaz ma jirrizultax li kien hemm xi ragunijiet specjali ghala kellu jkun hemm dan id-dewmien kollu f’din il-kawza. Ma kienx hemm, per ezempju, xi tibdil fil-komposizzjoni tal-Qorti li kien jinnecessita smigh jew trattazzjoni mill-gdid; ma jirrizultax li dik il-Qorti riedet xi skjarimenti ulterjuri dwar xi punti ta’ ligi jew ta’ fatt, jew li kien hemm xi dokumenti jew parti mill-process nieqes jew mhux komplut. Il-partijiet ma talbu ebda haga – sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, li jgibu provi godda, li jaghmlu sottomissjonijiet ulterjuri, jew xi talba ghal xi provvediment *ad interim* – u ma ghamlu xejn li b’xi mod jista’ jinghad li incampaw jew li ma ffacilitawx, dejjem ghal dan il-perjodu bejn l-14/11/1996 sad-9/10/2001, il-kors tal-kawza. Anqas ma jirrizulta li l-process kien daqstant voluminuz jew li kien hemm xi punti ta’ ligi tant difficli li kienu kull darba qeghdin izommu lil dik il-Qorti milli tghaddi ghall-pronunzjament tas-sentenza.

Din il-Qorti – bhala qorti ta' appell in materja kostituzzjonali – tapprezza li kull qorti ta' appell normalment timxi b'certu kawtela u minghajr ghaggla zejda ghax taf li l-kelma taghha hija finali (salv ir-rimedju eccezzjonali tar-ritrattazzjoni). Pero` f'dan il-kaz partikolari, l-inattivita` totali tal-Qorti ta' Appell ghall-perjodu ta' kwazi hames snin hija semplicement inaccettabbli. Din il-Qorti taghmilha cara li dan ma jfissirx li t-tlett Imhallfin li kienu jiffurmaw il-Qorti ta' l-Appell f'dik il-kawza f'dan il-periodu kollu ma kellhom xejn x'jaghmlu!! Anzi din il-Qorti tifhem li dak li gara kien proprju li, minhabba pressjoni ta' xoghol iehor, din il-kawza relattivament semplici baqghet dejjem iccedi, differiment wara differiment, ghal kawzi aktar pressanti u possibilment aktar urgenti kemm f'dik l-istess Qorti ta' l-Appell kif ukoll fi qrati ohra. Sfortunatament fis-sistema taghna imhallef hafna drabi hu msejjah biex joqghod f'aktar minn qorti wahda (xi mindaqqiet anke fi tlieta jew erba' qrati differenti), b'ammont esagerat ta' kawzi f'kull qorti, b'*backup* amministrattiv u legali minimu (jew xi mindaqqiet inezistenti), u bl-intralc li l-mandarini tac-Civil minn zmien ghal zmien joholqu fl-Amministrazzjoni tal-Qorti b'burokrazija li tnissel biss inefficjenza. Kif korrettement josservaw l-awturi van Dijk u van Hoof fil-ktieb awtorevoli taghhom ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** (Kluwer Law International, The Hague, 1998):

**When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court[1] only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case. The interests of the person concerned in as prompt a decision as possible will have to be weighed against the demands of a careful examination and a proper conduct of the**

[1] Hawnhekk ir-referenza hija, evidentement, ghall-Qorti ta' Strasbourg.

**proceedings. When assessing the reasonableness of the relevant period the Court applies, according to established case-law, in particular three criteria: the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the relevant authorities. <u>Only delays attributable to the State may cause a violation of the reasonable-time requirement</u>.** (p. 446, sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-kaz *de quo* din il-Qorti, ghar-ragunijiet gia msemmija, hi tal-fehma li kien hemm "a violation of the reasonable-time requirement".

Din il-Qorti, mill-banda l-ohra, ma tarax li s-socjeta` appellanti ppruvat li hija sofriet danni materjali minhabba dan id-dewmien, u f'dan ir-rigward tikkondividi pjenament ir-ragunament u l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti. Dan ma jfissirx, pero`, kif qed jippretendi l-appellat Avukat Generali, li ma hemmx lok ghal danni morali, anke jekk biss nominali: meta jigi lez dritt fondamentali ta' persuna, sia jekk din tkun persuna fizika u sia jekk din tkun persuna guridika, jistghu jinghataw dawn id-danni morali (ghalkemm xi mindaqqiet is-semplici dikjarazzjoni li kien hemm ksur tista' tkun ukoll rimedju adegwat). L-Artikolu 2 tal-Kap. 319 jispecifika li "persuna tinkludi kull persuna fizika, organizzazzjoni li ma tkunx governattiva, jew grupp ta' individwi". S'intendi, hemm certi drittijiet li jistghu jinkisru biss fil-konfront ta' persuni fizici:

**A wide range of organisations, such as newspapers, churches, associations and companies have submitted applications [to the European Court of Human Rights]. Although the rights and freedoms laid down in the Convention apply to individuals as well as to non-governmental organisations, some of the rights and fredoms are by their nature non susceptible of being exercised by a legal person. In so far as Article 9 is concerned, the Commission made a distinction in this respect between the freedom of conscience and the freedom of religion. In contrast to freedom of religion, freedom of conscience cannot be exercised by a legal person.**

**Also the right not to be subjected to degrading treatment and punishment cannot be exercised by a legal person and the same is true with respect to the right of education.** (van Dijk and van Hoof, *op. cit.,* p. 46).

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, filwaqt li tiddikjara li fil-proceduri fl-ismijiet ***Albert Mizzi noe. v. Nutar Joseph Darmanin noe.*** gie lez id-dritt tas-socjeta` appellanti ghal smigh fi zmien ragonevoli kif kontemplat fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, tikkundanna lill-appellat Avukat Generali ihallas is-somma ta' mitt lira (Lm100) in linea ta' danni morali lill-imsemmija socjeta` appellanti bhala rimedju ghall-ksur imsemmi. L-ispejjez kollha, kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell, ghandhom jigu sopportati mill-appellat Avukat Generali.

--------------------------------TMIEM--------------------------------